



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5232/23

LIMITE

CORLX 24
CFSP/PESC 35
RELEX 26
COEST 17
FIN 28

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta'
azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-
indipendenza tal-Ukrajna

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (EU) 2023/...

ta' ...

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.
- (3) L-Iran jipprovdi appoġġ militari għall-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li entità involuta fl-iżvilupp u l-kunsinna ta' Vetturi tal-Ajru Mingħajr Bdot Abbord lir-Russja jenħtieġ li tinżdied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (4) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-entità li ġejja tinżdied mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar ⁺
"175.	Iran Aircraft Manufacturing Industries Corporation (HESA) شرکت صنایع هواپیماسازی ایران	Indirizz: Sepahbod Gharani Avenue 107, Tehran, Iran Tip ta' entità: Manifattur ajruspazjali Korporazzjoni ta' proprjetà tal-gvern Post tar-reġistrazzjoni: Isfahan, l-Iran Data tar-reġistrazzjoni: 1977 Entitajiet assoċjati oħra: Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)	Iran Aircraft Manufacturing Industries Corporation (HESA) hija kumpannija Iranjana speċjalizzata fil-manifattura ta' inġenji tal-ajru militari u ċivili, u vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs). Il-HESA timmanifattura UAVs użati mill-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) u l-HESA hija involuta fir-riċerka dwar UAVs, l-iżvilupp, il-produzzjoni, u l-operazzjonijiet ta' titjir tagħhom. Il-HESA hija sussidjarja tal-Iran Aviation Industries Organisation (IAIO), intrapriża ta' proprjetà tal-gvern subordinata għall-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran. L-UAVs prodotti mill-HESA fl-Iran jintużaw mill-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-HESA hija responsabbli talli appoġġat materjalment jew finanzzarjament azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	"

⁺ ĠU: Jekk jogħbok daħħal id-data tal-pubblikazzjoni tal-att emendatorju bħala d-data tal-elencar għall-entrata l-ġdida.